L-Erbgħa 15 ta' Frar 2023

P9_TA(2023)0040

Emendi għar-Regolament dwar il-fondi Ewropej tal-investiment fuq terminu twil (ELTIFs)

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2023 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2015/760 fir-rigward tal-firxa tal-assi u l-investimenti eliġibbli, ir-rekwiżiti tal-kompożizzjoni tal-portafoll u tad- diversifikazzjoni, ir-regoli dwar is-self ta' flus kontanti u regoli oħrajn tal-fondi u fir-rigward tar-rekwiżiti li jappartjenu għall-awtorizzazzjoni, għall-politiki ta' investiment u għall-kundizzjonijiet operattivi tal-fondi Ewropej tal-investiment fuq terminu twil (COM(2021)0722 – C9-0435/2021 – 2021/0377(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2023/C 283/23)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0722),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0435/2021),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Marzu 2022 ([1]),

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitati responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Diċembru 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0196/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2021)0377

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Frar 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2015/760 fir-rigward tar-rekwiżiti li jappartjenu għall-politiki ta' investiment u l-kundizzjonijiet operattivi tal-fondi ta' investiment Ewropej fuq terminu twil u l-kamp ta' applikazzjoni tal-assi ta' investiment eliġibbli, ir-rekwiżiti ta' kompożizzjoni u ta' diversifikazzjoni tal-portafoll u s-self ta' flus kontanti u regoli oħra dwar il-fondi

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2023/606.)

([1]) ĠU C 290, 29.7.2022, p. 64.